Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tal-24 ta' Marzu 2011 — Kaimer et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-379/06)

"Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-attrezzaturi tar-ram u tal-liga tar-ram — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Drittijiet tad-difiża — Parteċipazzjoni fil-ksur — Tul tal-ksur — Multi — Ċirkustanzi attenwanti — Proporzjonalità — Trattament ugwali"

1. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Rispett tad-drittijiet tad-difiża — Aċċess għall-fajl — Portata — Nuqqas ta' komunikazzjoni ta' dokument li jinkulpa — Konsegwenzi li jvarjaw skont l-importanza tad-dokument fid-dawl tal-oneru ta' prova li għandha l-Kummissjoni (ara l-punti 30-32)*

2. *Kompetizzjoni — Akkordji — Prova — Grad ta' preċiżjoni rikjest mill-provi kkunsidrati mill-Kummissjoni (Artikolu 81(1) KE) (ar al-punti 47-49)*

3. *Kompetizzjoni — Akkordji — Ftehim bejn impriżi — Prova — Dikjarazzjoni ta' impriża involuta kkontestata minn impriżi oħrajn li huma partijiet fl-istess akkordju — Valur probatorju — Evalwazzjoni (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punt 50)*

4. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur — Oneru tal-Kummissjoni fir-rigward tal-prova tal-ksur u tat-tul tiegħu — Portata tal-oneru probatorju (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punt 51)*

5. *Kompetizzjoni — Akkordji — Parteċipazzjoni ta' impriża f'inizjattivi antikompetittivi — Natura suffiċjenti, sabiex tinvolvi r-responsabbiltà tal-impriża, ta' approvazzjoni taċita mingħajr distakkar pubbliku (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 86-88)*

6. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Ċirkustanzi attenwanti — Rwol passiv jew emulattiv tal-impriża — Kriterji ta' evalwazzjoni (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03) (ara l-punti 98, 99)*

Suġġett

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 4180, tal-20 ta' Settembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F-1/38.121 — Attrezzaturi) kif ukoll, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti permezz tal-imsemmija deċiżjoni.

Dispożittiv

1) L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 4180, tal-20 ta' Settembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (Kawża COMP/F-1/38.121 — Attrezzaturi), huwa annullat sa fejn jirrigwarda l-perijodu mit-30 ta' Lulju 1996 sal-31 ta' Lulju 1997, bħala l-parteċipazzjoni ta' Kaimer GmbH & Co. KG Holding u ta' Sanha Kaimer GmbH & Co. KG, u l-perijodu mill-1 ta' Jannar 1998 sal-14 ta' Lulju 1999, bħala l-parteċipazzjoni ta' Sanha Italia Srl.

2) L-ammont tal-multa imposta fuq Kaimer huwa stabbilit għal EUR 7,15 miljuni, li minnhom *in solidum* ma' Sanha Kaimer għal ammont ta' EUR 7,15 miljuni u ma' Sanha Italia għall-ammont ta' EUR 6,325 miljuni.

3) Il-kumplament tar-rikors huma miċħud.

4) Kaimer, Sanha Kaimer u Sanha Italia għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom u 50 % tal-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea.

5) Il-Kummissjoni għandha tbati 50 % tal-ispejjeż tagħha.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tal-24 ta' Marzu 2011 — FRA.BO vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-381/06)

"Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-attrezzaturi tar-ram u tal-liga tar-ram — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Multi — Komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni — Linji gwida għall-kalkolu tal-multi — Ċirkustanzi attenwanti — Immunità mill-multi — Aspettatitvi leġittimi — Trattament ugwali"

1. *Dritt Komunitarju — Prinċipji — Protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi — Limiti — Trażżin tal-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni — Determinazzjoni tal-ammont tal-multi — Metodu ta' kalkolu tal-multi — Setgħa diskrezzjonali tal-istituzzjonijiet — Nuqqas ta' effett tal-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 96/C 207/04) (ara l-punti 93, 94)*

2. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Tnaqqis tal-ammont tal-multa inkambju għall-kooperazzjoni tal-impriża implikata — Kundizzjonijiet — Setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni — Teħid inkunsiderazzjoni tal-kwalità u tal-utilità tal-informazzjoni pprovduta (Komunikazjoni tal-Kummissjoni 96/C 207/04, Titolu D, punt 2) (ara l-punt 96)*

3. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Tnaqqis tal-multa inkambju għall-kooperazzjoni tal-impriża implikata — Setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni — Tqabbil tal-informazzjoni ta' kawżi differenti — Natura indikattiva — Elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni — Ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali — Assenza (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 96/C 207/04, Titolu D, punt 2) (ara l-punti 101, 103, 104)*